A.L. 88 ta' l-2000

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 u bis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 36 u bl-artikolu 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, l-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-Ordni li ġej:–

Titolu.

1. Dan l-Ordni jissejjaħ l-Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 5), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawħekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L. 32 ta' l-2000.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali minflok il-kliem "Għad irid jiġi stabbilit" fil-kolonna intitolata "Data tad-delega effettiva" għandha tidħol id-data li ġejja:–

(i) għal-lokalitajiet taħt l-intestatura "Kunsill Lokali" li huma "Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien u Żejtun" id-data "23 ta' Mejju, 2000";

(ii) għal-lokalitajiet taħt l-intestatura "Kunsill Lokali" li huma "Qormi, Siġġiewi u Żebbuġ (Malta)" id-data "24 ta' Mejju, 2000".